C/2025/1179

19.2.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11835 – ABC TECHNOLOGIES / TI FLUID SYSTEMS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/1179)

1. Fl-10 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— ABC Technologies Inc. ("ABC Technologies", il-Kanada), ikkontrollata minn fondi ta' investiment ġestiti minn affiljati ta' Apollo Global Management, Inc. ("AGM", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— TI Fluid Systems plc ("TI Fluid Systems", ir-Renju Unit).

ABC Technologies se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' ABC Technologies kollha.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' offerta pubblika mħabbra fid-29 ta' Novembru 2024.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— ABC Technologies hija manifattur u fornitur ta' innovazzjonijiet personalizzati, tal-plastik b'inġinerija għolja, u ta' innovazzjonijiet ħfief għall-industrija awtomobilistika, b'enfasi partikolari fuq l-Amerka ta' Fuq. AGM hija maniġer tal-assi alternattivi bi tkabbir għoli li toffri servizzi ta' mmaniġġjar tal-investiment u ta' ppjanar finanzjarju lill-investituri individwali u istituzzjonali,

— TI Fluid Systems hija manifattur globali ta' soluzzjonijiet ta' sistemi termali u fluwidi għall-firxa sħiħa ta' arkitetturi tal-veikoli kurrenti u li qed jiżviluppaw.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11835 – ABC TECHNOLOGIES / TI FLUID SYSTEMS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË